MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Numru. 1315/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Michael Mallia]**
**[Spettur Antoine Cilia]**

**vs**

**Giacomo Maria Sconzo**
**Salvatore Sconzo**
**Gregorio D'Urso**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Giacomo Maria detentur tal-karta tal-identita mahruga bin-numru AR 0611603, Salvatore Sconzo detentur tal-karta tal-identita mahruga Catania bin-numru AS 0841607 u ta' Gregorio D'Urso detentur tal-karta tal-identita mahruga Catania bin-numru AS 7424670.

Akkuzati talli:

Nhar it-23 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' wara nofshinhar, fil-fond 'Portomaso Casino', Vjal Portomaso San Giljan , ikkommettew serq ta' madwar sitt mitt ewro (€ 600) fi flus kontanti u oggetti ohra, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€ 232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disghin u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-dannu ta' Josephine Cachia.

Rat id-dokumenti; inkluz l-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat illi fl-ezami tal-imputati huma rregistraw ammissjoni tal-akkuzi, u kkonfermaw tali akkuzi wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom.

Rat illi l-ammont derubat gie pjenament restitwit lill-parte civile.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 279(a) tal-Kap 9 qed issib lill-imputati Giacomo Maria Sconzo, Salvatore Sonzo u Gregorio D'Urso hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannahom seba' (7) xhur kull wiehed prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------